2024/1128

16.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 271/2023

tas-27 ta' Ottubru 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1128]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2023/145 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2023 li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/145 tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentament għandha titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE) tal-Kapitolu XVII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, jitħassar.

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2023/145 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER

([1]) ĠU L 21, 23.1.2023, p. 3.
([2]) ĠU L 363, 13.12.1989, p. 27.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.